**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2016

Talba Numru: 313/2016AM3

Numru fuq il-Lista: 32

**GO plc (C22334)**
**Triq Fra Diegu,**
**Marsa**

**Vs**

**Valentin Hristov Todorov (I.D. 0063036A)**
**St Philip, Flat 1**
**Triq Efesu,**
**St Paul's Bay**

It-Tribunal,

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fid-09 ta' Awwissu, 2016 illi permezz tiegħu is-Soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' seba' mija u sittax-il ewro u wiehed u erbghin centezmu (€716.41c) liema ammont huwa in konnessjoni ma' servizz elettroniku ta' kommunikazzjoni maghruf bhala 'Home Pack 42' li gie pprestat mis-Socjeta` attrici lill-konvenut fuq l-akkont li jgib in-numru AC40407874.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduta li nzammet quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-Soċjeta` attriċi s-somma ta' seba' mija u sittax-il ewro u wiehed u erbghin centezmu (€716.41c) bl-imghaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mil-lum sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, huma a kariku tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**